MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1185/2003

**BANK OF VALLETTA p.l.c. (C.2833)**

vs

1. **Marco u Miriam miżżewġin CHIRCOP; u**

2. **Charles u Dionisja sive Denise miżżewġin FARRUGIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Novembru, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 18 ta' Ġunju, 1994 in atti Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona (Dok. "A"), is-soċjeta' Valletta Investment Bank Limited li tagħha s-soċjeta' attriċi hija

suċċessura fid-drittijiet ikkonċediet "Loan Facility" lill-konvenuti Marco u Miriam miżżewġin Chircop;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Marco u Miriam miżżewġin Chircop fis-somma ta' ħmistax-il elf, tlett mija u sebgħa u tmenin liri maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm15,387.65) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenuti Marco u Miriam miżżewġin Chircop mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u ċioe' dak datat 18 ta' Ġunju 1994, fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Scebarras Trigona (Dok. "A") kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' Ġunju, 1994 (Dok. "C") il-konvenuti Charles u Dionisja sive Denise miżżewġin Farrugia iggarantew flimkien u "in solidum" ma' Marco u Miriam miżżewġin Chircop għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. d-debiti ta' l-istess Marco u Miriam miżżewġin Chircop mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 29 t'Ottubru 2002 u li kopja tagħhom qed jiġu hawn esebiti u mmarkati Dok. "D", u "E", sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Marco u Miriam miżżewġin Chircop u lil Charles u Dionisja sive Denise miżżewġin Farrugia, jħallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf, tlett mija u sebgħa u tmenin liri maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm15,387.65) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenuti Marco u Miriam miżżewġin Chircop mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali datati u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jiġu preżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrkin fl-14 ta' Jannar, 2004, li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammssjoni tal-konvenuti, t-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi **tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi** kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali ulterjuri b'effett mill-1 t'Ottubru, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------